**266. L-Onor Mario de Marco u l-Onor Marthese Portelli jipprponu:**

**MOZZJONI SABIEX ISIR DIBATTITU DWAR IS-SITWAZZJONI TAT-TRAFFIKU F'PAJJIŻNA**

**Din il-Kamra:**

TIRREFERI għall-fatt illi t-traffiku fit-toroq tagħna żdied drastikament f'dawn l-aħħar sentejn u nofs u b'riżultat ta' dan inħoloq inkonvenjent kbir li l-poplu Malti u Għawdxi kollu jrid jiffaċċja kuljum;

TFAKKAR illi waħda mill-wegħdi ewlenin illi kien għamel il-Gvern fil-Manifest Elettorali tiegħu tal-2013 kienet illi kien se jassigura illi ma jkunx hawn problema ta' traffiku f'pajjiżna;

TFAKKAR illi wegħdi oħra relatati mat-traffiku kienu (i) illi l-Gvern kellu jniedi *National Traffic Management Plan,* (ii) illi l-Gvern kellu jintroduċi *Unit* ta' Koordinament illi l-għan ewlieni tiegħu kellu jkun il-koordinament tax-xogħlijiet fit-toroq, u (iii) illi l-Gvern kellu jtejjeb u jżid l-effiċjenza fit-trasport pubbliku;

TINNOTA illi, minkejja 1-wegħdi illi saru mill-Gvern, is-sitwazzjoni tat-traffiku mhux talli ma marritx għall-aħjar talli marret għall-agħar ħafna;

TINNOTA illi ż-żieda fit-traffiku fit-toroq tagħna mhix perċezzjoni, iżda hija waħda reali;

TINNOTA illi r-riforrna mwegħda mill-Gvern fit-trasport pubbliku, u ċjoè, *"sistema li tagħraf iżżewweġ b'effiċjenza, il-bżonn loġistiku għall-iżvilupp infrastrutturali u ekonomiku, mil-lat soċjali u anki ma' dak ambjentali"* falliet, tant illi n-nies qegħdin jagħżlu illi jużaw il-karozzi personali tagħhom peress illi t-trasport pubbliku mhux qed isibuh adegwat għal varji raġunijiet, ewlenin fosthom illi l-ħinijiet ta' x'ħin suppost tgħaddi l-karozza tal-linja mhux qegħdin jinżammu b'diversi rotot jinqabżu jew ma jsirux;

TINNOTA illi l-Gvern mhu qed joffri ebda soluzzjoni ħolistika biex jindirizza l-problemi illi qed jirriżultaw kaġun taż-żieda drastika tal-karozzi fit-toroq;

PERESS illi din is-sitwazzjoni taż-żieda qawwija fit-traffiku qiegħda taffettwa u qiegħda tolqot b'mod ħażin u toħloq inkonvenjent lill-poplu Malti u Għawdxi u diversi setturi, tant illi f'żewġ *surveys* indipendenti illi saru mill-Malta Today, wieħed f'Novembru 2014 u l-ieħor f'Settembru 2015, it-traffiku ġie rreġistrat bħala l-ikbar problema illi l-Maltin u l-Għawdxin għandhom bħalissa;

PERESS illi din is-sitwazzjoni taż-żieda qawwija fit-traffiku, għandha impatt ekonomiku dirett fuq in-negozji, u dan peress illi ta' kuljum eluf ta' persuni qegħdin jinqabdu u jaħlu ħafna ħin fit-traffiku bir-riżultat illi qed jintilef ħafna ħin produttiv u prezzjuż tal-pajjiż, liema stennija fit-traffiku u ħela ta' ħin ifisser (i) spejjeż akbar għan-nies u n-negozji bħalma hi l-ispiża ikbar tal-petrol u d-*diesel* illi wieħed jaħli waqt li jkun qiegħed imwaħħal fit-traffiku, (ii) dħul inqas speċjalment għal dawk in-negozji illi jqassmu x-xogħol fuq barra bħal *salesmen*, *deliverymen*, *technicians* u oħrajn, (iii) inqas dħul għal tal-ħwienet peress illi s-sidien jinqabdu fit-traffiku u jiftħu l-ħwienet tagħhom tard u peress illi n-nies jibdew jaqtghu qalbhom imorru jixtru għajr dawk 1-affarijiet illi huma essenzjali, (iv) anqas produttività peress illi l-ħaddiema jaslu tard fuq il-post tax-xogħol, (v) anqas opportunità ta' klijenti u ta' vjaġġi għal dawk illi għandhom it-*taxis* u 1-*minibuses* peress illi 1-vjaġġi jtulu, fatturi illi finalment jirrendu biss biex inaqqsu mill-kompetittività ta' pajjiżna;

PERESS illi din is-sitwazzjoni taż-żieda qawwija fit-traffiku għandha impatt ambjentali minħabba ż-żieda tad-dħaħen fl-arja tagħna;

PERESS illi din is-sitwazzjoni taż-żieda qawwija fit-traffiku għandha impatt dirett fuq is-saħħa tagħna minħabba l-kwalità tal-arja u l-i*stress*;

PERESS illi din is-sitwazzjoni taż-żieda qawwija fit-traffiku għandha impatt soċjali dirett, tant illi qed jiżdiedu każi ta' *road rage* u inċidenti tat-traffiku;

PERESS illi din is-sitwazzjoni taż-żieda qawwija fit-traffiku qed toħloq problemi loġistiċi, liema problemi jistgħu jkunu kaġun ta' fatalitajiet speċjalment f'dawk il-każijiet ta' mard illi jirrikjedu emerġenza u minħabba t-traffiku, il-vjaġġ itul iktar minn normal;

PERESS illi s-sitwazzjoni tat-traffiku qiegħda toħloq inkonvenjent għal min għandu appuntament l-isptar jew saħansitra min jista' jitlef operazzjoni bħalma ġara nhar il-Ġimgħa, 2 ta' Ottubru 2015;

PERESS illi din is-sitwazzjoni taż-żieda qawwija fit-traffiku qed toħloq inkonvenjent għat-turist illi jżur pajjiżna kif ukoll lil dawk kollha li jkunu se jsiefru bħalma ġara nhar il-Ġimgħa, 2 ta' Ottubru 2015 meta bosta nies tilfu jew kienu se jitilfu t-titjira tagħhom minħabba t-traffiku;

PERESS illi dak li ġara nhar il-Ġimgħa, 2 ta' Ottubru ħoloq problemi anki għal studenti li waslu tard ferm l-iskola, kif konstatat anki mill-istess Ministru tal-Edukazzjoni, kif ukoll għal eluf ta' ħaddiema li waslu tard għax-xogħol;

PERESS li dak li ġara nhar il-Ġimgħa, 2 ta' Ottubru qed jerġa' jirrepeti ruħu;

PERESS illi minkejja l-wegħdi illi għamel il-Gvem jirriżulta illi għad m'hemm l-ebda pjan, l-ebda *roadmap* u l-ebda viżjoni sabiex tiġi indirizzata din il-problema;

PERESS illi l-Gvern mhux qed jieħu l-ebda azzjoni konkreta sabiex jindirizza din il-problema;

PERESS illi skont studju tal-*Institute for Climate Change and Sustainable Development* tal-Università ta' Malta, Malta se tkun qiegħda esposta għal €89 miljun fi spiża relatata ma' inċidenti tat-traffiku, €15.3 miljun fi spiża marbuta mal-kwalità tal-arja, €51.2 miljun fi spiża marbuta ma' spejjeż fir-rigward ta' tibdil fil-klima u €151 miljun fi spiża illi tirriżulta direttament minn ħela ta' ħin fit-traffiku, sal-2020;

PERESS illi din is-sitwazzjoni taż-żieda qawwija fit-traffiku qed tkun il-kaġun ta':

a. Inkonvenjent għall-poplu Malti u Għawdxi u għan-negozju
b. Problemi ekonomiċi
c. Problemi fejn qed titnaqqas il-kompetittività
d. Problemi ambjentali
e. Problemi soċjali
f. Problemi ta' saħħa
g. Problemi loġistiċi
h. Problemi ta' *capacity*
i. Problemi ta' mobilità, kif ukoll
j. Spiża u nefqa ikbar fuq il-pajjiż

**GĦALDAQSTANT il-Kamra tipproponi li:**

1. Jsir dibattitu dwar is-sitwazzjoni f'pajjiżna riżultat taż-żieda qawwija ta' traffiku illi qegħdin naraw fit-toroq tagħna minħabba nuqqas ta' immaniġġar u pjan serju, (ii) l-impatt illi dan qiegħed iħalli fuq pajjiżna;

2. Titlob lill-Gvern jindirizza bis-serjetà l-problema tat-traffiku u jibda billi jagħraf illi hija realtà illi t-traffiku f'pajjiżna żdied f'dawn l-aħħar sentejn u mhix perċezzjoni;

3. Titlob lill-Gvern iħejji bla aktar dewmien pjan effettiv dwar l-immaniġġar tat-traffiku f'pajjiżna u jwettaq l-istess pjan.

06.10.15